# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum il-Gimgha, 18 ta' Marzu, 2022

**Kawża Nru. 9**

**Rik. Nru. 27/2021 ISB**

**Naipaul Holdings Limited C10117**

**vs**

**Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **Naipaul Holdings Limited** (C-10117), li permezz tieghu huwa jsostni hekk:-

> *Illi r-rikorrent nomine huwa membru tal-kumpanija Royal Developers Limited (C 26593) u jokkupa wkoll l-kariga ta' direttur.*

*Illi s-soċjeta' Royal Developers Limited kienet irċeviet ittra datata 17 ta' Frar 2020 mir-Reġistratur tal-Kumpaniji, fejn saret referenza għall-artikolu 325(2) tal-Att dwar il-Kumpaniji fejn huwa ġie nfurmat illi isem il-kumpanija ser jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpaniji.*

*Illi s-soċjeta' Royal Developers Limited sussegwentement ġiet mħassra bħala "struck off as defunct" minn fuq ir-reġistru tal-kumpanniji fis-20 ta' Ġunju 2020.*

*Illi l-esponenti jirrileva li l-kumpanija Royal Developers Limited għandha assi konsistenti fi proprjeta' u għandħa kull interess illi l-istess kumpanija terġa titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, għar-raġunijiet li ser jiġu pruvati fil-mori tal-kawża.*

*Illi ai termini tal-artikolu 325(4) tal-Kap 386 għadhom m'għaddewx hames snin minn meta din is-socjeta` tħassret minn fuq ir-registru.*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti togħġobha tordna li:*

*1. l-isem tal-Kumpannija Royal Developers Limited (C 26593) jerġa jiddaħħal fir-Reġistru tal-Kumpaniji, biex b'hekk hija titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar, u dan taħt dawk id-direzzjonijiet u provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni u dana ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat illi fit-13 ta' April 2021 gie notifikat ir-Registratur intimat.

Rat illi fid-29 ta' April 2021, ir-Registratur tal-Kumpanniji intimat ppresenta **ir-risposta** tieghu (fol 4) bid-dokumenti hemmek annessi, li permezz taghha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija Royal Developers Limited (C 26593) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fit-23 ta' Ġunju 2000;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjari tagħha, kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk, illi l-aħħar kont annwali reġistrat kien dak tas-sena 2006 u l-aħħar prospett annwali reġistrat kien dak tas-sena 2007;*

*Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur jissoponi illi l-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi in vista tas- suespost, ir-Reġistratur proċeda sabiex kiteb lill-kumpanija u lill-uffiċjali tagħha sabiex javża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi r-Reġistratur bagħat l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill- kumpanija (annessi u mmarkati bħala* ***Dok. 'A'****, l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha Loyka, St. Catherine Street, Qrendi, kif ukoll lid- diretturi tagħha Angele Buhagiar, Marco Gaffarena u Paul Magro, reġistrati fl-indirizzi The Lodge, Blue Grotto Avenue Żurrieq,  Farmhouse, Luqa Road, Qormi u Loyka, St. Catherine Street, Qrendi, rispettivament, datati 19 ta' Frar 2020;*

*Illi t-tieni avviż gie mibgħut permezz ta' ittra oħra kemm lill-kumpanija kif ukoll lid-diretturi fuq l-istess indirizzi fis-6 t' April 2020;*

*Illi f'dawn l-ittri l- kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kien se jkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija.*

*Illi fis-6 t' April 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal- Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp ir-Reġistratur qatt ma rċieva l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fl- 20 ta' Lulju 2020, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi ghalkemm ir-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi; ir- Reġistratur jixtieq jiġi mogħti raġuni valida dwar lil għaliex is-Soċjeta' għandha terġa' titpoġġa fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji la darba ir-rikorrenti stess ammettiet illi din is-Soċjeta' ilha inattiva għal numru twal ta' snin kif in effetti ukoll huwa evidenzjat mir-rekords li jinsabu għand l-istess Reġistratur. Illi jidher bic-ċar illi r-rikorrent qatt ma kellu interess li jimxi skont il-liġi dwar il-kumpaniji u infatti naqas milli jirreġistra dokumenti mandatorji mar-Reġistratur għal numru twal ta' snin minkejja diversi notifiki li kienu jintbagħtu lilu. Ir-rikorrent njora wkoll il-multi illi jfakkruh f'tali nuqqas u qatt ma affettwa l-pagamenti tal-multi. Illi l- penali fuq nuqqas ta' reġistrar ta'*

*informazzjoni fuq sidien benefiċċjarji, reġistrar ta' prospetti annwali kif ukoll tal- kontijiet annwali jammontaw għal **EUR14,445.***

*Illi di piu' il- pagamenti pendenti fuq reġistrazzjoni ta' prospetti annwali jammontaw għal **EUR 7,689.17**.*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur jixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż informazzjoni fuq is-sidien beneficjari, il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni, ir-Reġistratur qiegħed umilment jissolleva illi qiegħed iħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tiegħu sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rattifikata.*

*Illi għaldaqstant huwa lest li joqgħod għal kull direzzjoni u provvediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat **<u>id-digriet</u>** taghha tal-14 ta' Mejju 2021 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tal-10 ta' Gunju 2021 fl-10:00am.

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Gunju 2021, deher l-Avukat Keith Bonnici ghas-socjeta` rikorrenti u dehret l-Avukat Claudette Fenech ghar-Registratur tal-Kumpanniji.

Rat illi f'dik l-udjenza r-rikorrent iddikjara illi huwa kien ssottometta d-dokumenti kollha mal-ufficcju tar-Registratur sabiex jirregolarizza l-posizzjoni tieghu, u l-intimat talba zmien sabiex isiru l-verifi necessarji.

Rat l-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2021, minn fejn jirrizulta illi d-difensur tal-Registratur intimat ddikjarat illi l-pendenzi kollha tas-socjeta` Royal Developers Limited kienu gew rizolti, <u>ghajr</u> ghall-prezentata tal-accouints, u l-Qorti akkordat ftit aktar zmien sabiex isiru l-accounts.

Rat l-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Dicembru 2021, minn fejn jirrizulta illi d-difensur tal-Registratur intimat ddikjarat illi l-pendenzi <u>kollha</u> tas-socjeta` Royal Developers Limited kienu gew rizolti u l-istess socjeta` irregolarizzat l-pozizzjoni taghha u ghalhekk il-proceduri setghu jithallew ghall-provvediment.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent ai termini tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386** tal-Ligijiet ta' Malta, u li permezz taghha, ir-rikorrent jghid illi fit-20 ta' Lulju 2020, ir-Registratur intimat nehha u hassar minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji isem il-kumpannija kummercjali **Royal Developers Limited (C-26593)**.

Illi din il-kumpannija jirrizulta illi kellha xi proprjeta` immobbli u allura tali *striking off* kien pregudizzjali ghaliha.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-intimat Registratur jghid illi l-kumpannija msemmija kienet naqqset mill-obbligi taghha mar-Registratur, kemm ghaliex kien hemm kontijiet u prospetti annwali illi baqghu ma ntbghatux u kif ukoll peress illi ma ntbghatitx informazzjoni dwar is-sidien beneficcjajri taghha. Jghid illi ghalhekk kellu kull raguni valida fil-ligi biex jikkancella l-kumpannija u ghaddha mill-proceduri kollha li trid il-ligi biex sar dan. Gew esebiti d-dokumentazzjoni kollha relattiva f'dan il-kuntest.

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u <u>l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa</u> biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin*

*dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiziti li hemm bzonn biex kumpannija kummercjali li tnehhiet minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji terga' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena citat.

Mhemmx dubbju illi ghadhom ma ghaddewx il-hames snin minn meta il-kumpannija **Royal Developers Limited (C-26593)** giet ikkancellata minn fuq ir-Registru.

Illi fir-rigward ta' dak dikjarat fir-rikors promotur u kif ukoll dak dikjarat fir-risposta ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni mill-partijiet rispettivi.

Il-Qorti pero`, kif taghmel dejjem f'cirkostanzi bhal dawn u qabel ma tghaddi ghall-provvediment, tqis id-disponibilita' tar-rikorrent illi jirregolarizza l-affarijiet tal-kumpannija mar-Registratur. F'dan il-kaz, ir-rikorrent, addirittura qabel l-ewwel seduta kien beda jirriegolarizza l-posizzjoni tieghu u sat-tieni seduta, kien ikkompleta dak li kellu jaghmel sabiex l-intimat Registratur kien f'posizzjoni illi jiddikjara illi l-proceduri setghu jghaddu ghall-provvediment gja la darba l-affarijiet tal-kumpannija gie regolarizzati.

Il-Qorti ghalhekk, fid-dawl tal-provvediment tal-KAP 386 hawn fuq ccitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi jkun giust u ekwu illi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, fi zmien hmistax il-jum, jerga' jdahhal l-isem ta' **Royal Developers Limited (C-26593)** fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar minn fuq ir-Registru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Registratur tas-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligi relattiva ghal tali inserzjoni mill-gdid tal-kumpannija msemmija fir-Registru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Royal Developers Limited (C-26593)** jitpogga lura fuq tali Registru tal-Kumpanniji.

4. **Fil-raba' lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Registratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **Royal Developers Limited (C-26593)** fuq ir-Registru tal-kumpanniji jkunu a karigu tas-socjeta' rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**